MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2480/2002

**Korporazzjoni Enemalta**
**Vs**

**Asfaltar Ltd.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru 2002 fejn is-socjeta' attrici titlob sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm624.51 (sitt mija u erba' u ghoxrin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) bhala danni ikkagunati fuq cable ta' L-Enemalta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Rapprezentanti danni ikkagunati minn impjegati tas-socjeta' konvenuta fuq cable ta' l-Enemalta waqt li kien qed isir xoghol ta' thaffir bil-Pynomatic Hammer (Hymac), f'Victory Street Senglea fil-25 ta' Ottubru 2001.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:-

It-talba attrici hija respinta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni stante li l-incident in kwistjoni ma' garax minhabba traskuragni jew nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolament minn naha tas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta ezegwit ix-xogholijiet in kwistjoni taht id- direzzjoni ta' foreman tad-distrett ta' l-Isla tal-Korporazzjoni attrici li specifikatament indika l-parti tat-Triq fejn setghu jigu ezegwiti x-xogholijiet u wara li giet eskluza minn naha tieghu l- possibilita' ta' xi periklu.

Salv eccezzjoni ulterjuri.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi din il-kawza si tratta ghar-rifuzjoni ta' danni konsegwiti mill-Korporazzjoni attrici wara thaffir da parti ta' nies tas-socjeta' konvenuta.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Louis Cachia – addett mad-distrett ta' l-Isla, li kienet saret talba ghat-thaffir ta' trinka u giet esegwita. A rigward ta' hofor ghal pilastri tal-festa, ma giet komunikata lilu l-ebda talba.

Illi din il-versjoni hija korroborata mill-impjegat Carmelo Camilleri li tkellem mas-surgent 'a tempo vergine' u jiena immarkajt bid-detector u taqqabt. Paul Magro –Direttur-ghall-ewwel assuma r-responsabbilta pero' wara rega bdielhu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur esegwixxa d-dover tieghu li jipprova l-kaz fuq bilanc ta' probabilitajiet. Huwa prova n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li timxi skond ir-regolamenti.

Da parti taghha, is-socjta’ konvenuta provat tilghab fuq il-visa’ tal-bankina – pero’ fl-ebda mumnet ma ppruvat li mxiet skond ir-regolamenti. Naqset li tinforma lil-‘cable attendant’ biex jimmarka ghall-hofor. Dwar id-danni reklamati ma saret ebda oppsizzjoni u ghalhekk qed jigu accettati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa it-talbiet attrici, tikkundannaha thallas is-somma ta’ sitt mija erba’ u ghoxrin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm624.51) bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------